MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Ġunju, 2019

Rikors Maħluf Numru 436/2015 LM

**George Farrugia (K.I. 798652M)**

***vs.***

**George Saliba (K.I. 217686M); u Saviour Camilleri (K.I. 55167M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-12 ta' Mejju, 2015 mill-attur **George Farrugia** (K.I. 798652M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fl-1 ta' Lulju, 2009, ir-rikorrent safa vittma ta' attakk vjolenti fuq il-persuna tiegħu mingħajr ebda raġuni u/jew provokazzjoni meta ġie aggredit u msawwat mill-intimati ġewwa Ħaż-Żebuġ, Malta;*
2. *Illi dan l-inċident seħħ meta waqt li kien għaddej diverbju bejn ir-rikorrent u Doreen u Grace, aħwa Saliba, li huma parti mill-familja tal-intimati, l-istess*

*intimati ħarġu mill-garaxx ta' wieħed minnhom, Saviour Camilleri fejn, wara li wieħed minnhom qabad qasrija u tefagħha ġol-karozza tar-rikorrent, l-istess rikorrent safa aggredit minn wara, u qala' daqqiet ġo rasu;*

3. *Illi f'dan l-inċident, ir-rikorrent ġie aggredit b'ħadida, bis-sieq u bl-idejn u tħalla mitluq mal-art fuq il-post u mingħajr għajnuna;*

4. *Illi riżultat ta' din l-aggressjoni, ir-rikorrent sofra danni u debilità permanenti b'riżultat ta' diversi ġrieħi li sofra u għamel żmien rikoverat l-isptar, kif ser jiġi ppruvat waqt il-ġbir tal-provi;*

5. *Illi minkejja l-fatt li l-intimati ġew interpellati jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent, l-intimati baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li jġib is-surriferiti fatti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jgħidu l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati jew min minnhom responsabbli għad-danni fiżiċi subiti mir-rikorrent b'riżultat tax-xebgħa li huma tawh fl-1 ta' Lulju, 2009;*

2. *Tillikwida d-danni subiti mir-rikorrent b'riżultat tal-istess inċident, occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi skont il-każ;*

3. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għall-ħlas tad-danni hekk likwidati mill-Onorabbli Qorti fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 1674/14 datata 2 ta' Ġunju, 2014 kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.*

*Dikjarazzjoni Ġuramentata ta' George Farrugia:*

1. *Illi fl-1 ta' Lulju, 2009, ir-rikorrent safa vittma ta' attakk vjolenti fuq il-persuna tiegħu mingħajr ebda raġuni u/jew provokazzjoni meta ġie aggredit u msawwat mill-intimati ġewwa Ħaż-Żebbuġ, Malta;*

2. *Illi dan l-inċident seħħ meta waqt li kien għaddej diverbju bejn ir-rikorrent u Doreen u Grace, aħwa Saliba, li huma parti mill-familja tal-intimati, l-istess intimati ħarġu mill-garaxx ta' wieħed minnhom, Saviour Camilleri fejn, wara li wieħed minnhom qabad qasrija u tefagħha ġol-karozza tar-rikorrent, l-istess rikorrent safa aggredit minn wara, fis-sens illi qala' daqqa ġo rasu minn wara;*

3. *Illi f'dan l-inċident, ir-rikorrent ġie aggredit b'ħadida, bis-sieq u bil-ponn u tħalla mitluq mal-art fuq il-post mingħajr għajnuna;*

4. *Illi minħabba dan l-inċident, ir-rikorrent sofra danni fiżiċi permanenti b'riżultat ta' diversi ġrieħi ta' natura gravi li sofra u għamel żmien rikoverat l-Isptar, kif ser jiġi ppruvat waqt il-ġbir tal-provi;*
5. *Illi b'riżultat tad-daqqiet li qala', huwa sofra diżabilità permanenti;*
6. *Illi minkejja li interpella lill-intimati, li huma kienu responsabbli għall-ġrieħi li sofra, dawn baqgħu inadempjenti;*
7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **George Saliba** (K.I. 217686M) u **Saviour Camilleri** (K.I. 55167M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti), li ġiet ippreżentata fit-8 ta' Ġunju, 2015, u maħlufa minn George Saliba stess, li biha eċċepew:

1. *Illi l-intimati ġew debitament notifikati bir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti nhar il-21 ta' Mejju, 2015 u in ottemperament mat-terminu fil-Liġi, l-intimati umilment u bir-rispett qegħdin jissottomettu r-risposta ġuramentata tagħhom;*
2. *Illi l-intimati jirrespinġu bis-saħħa t-talbiet attriċi stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta waqt is-smigħ ta' dan il-każ;*
3. *Illi kien ir-rikorrenti George Farrugia flimkien ma' ibnu Philip Anthony Farrugia li aggredew lill-intimati u familjari tal-istess intimati u mhux kif qiegħed jallega r-rikorrenti, ċioe li huwa safa vittma tal-intimati;*
4. *Illi l-intimati ma jaċċettawx ir-rapport mediku ppreżentat mir-rikorrenti, immarkat Dok. GF2, u jitolbu sabiex dina l-Onorabbli Qorti tappunta l-espert tagħha a spejjeż tal-istess rikorrenti;*
5. *Illi kien ir-rikorrent li instiga u beda l-argument ma' familjari tal-intimati, liema inċident ħalla konsegwenzi fuq il-partijiet kollha inklużi l-intimati, tant li l-intimat George Saliba qala' daqqa ta' sikkina mingħand l-istess rikorrenti, mentri l-intimat Saviour Camilleri sofra ġrieħi;*
6. *Illi inoltre u b'referenza għad-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess rikorrenti, l-intimati jissottomettu li l-kontenut huwa totalment inveritier, kif ser jiġi ppruvat tul il-kors tas-smigħ tal-kawża de quo;*

7. *Illi inoltre u b'referenza għad-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess rikorrenti, l-intimati jissottomettu li l-kontenut huwa totalment inveritier, kif ser jiġi ppruvat tul il-kors tas-smigħ ta' dan il-każ;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur jgħid li huwa sofra danni fiżiċi f'inċident bejn il-partijiet li fih intużat aggressjoni u vjolenza fiżika, liema vjolenza allegatament wasslet biex l-attur jibqa' jsofri minn debilità permanenti. Jidher li l-aggressjoni li wasslet għal dawn il-proċeduri u li seħħet fl-1 ta' Lulju 2009, kienet l-aħħar minn sensiela ta' tilwimiet bejn il-partijiet, li jafu l-bidu tagħhom għall-fatt li Saviour Camilleri, wieħed mill-konvenuti, mar jgħix f'dar żewġ bibien 'il bogħod minn dik tal-attur, u beda jagħmel xogħol ta' *mechanic* allegatament mingħajr ma kellu l-permessi meħtieġa. Jidher li l-attur għal snin twal ipprotesta għal dan l-

aġir mal-awtoritajiet ikkonċernati, u kien proprju dan li wassal għal animożità kbira bejn il-ġirien u l-familjari tagħhom, tant li għal snin twal kien hemm anki rapporti lill-Pulizija u diversi proċeduri legali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) fil-konfront tal-partijiet f'din il-kawża.

Il-konvenuti eċċepew li huma m'għandhomx jinstabu responsabbli għall-akkadut, u kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-attur, kienu l-attur u ibnu li instigaw din l-aggressjoni, u dawn irritaljaw saħansitra billi taw daqqiet ta' sikkina lil wieħed mill-konvenuti.

## <u>Provi u riżultanzi</u>

Flimkien mar-rikors maħluf, l-attur ppreżenta kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenuti fit-2 ta' Ġunju, 2014 li permezz tagħha interpellahom sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-aggressjoni li seħħet fl-1 ta' Lulju, 2009.[1] Ġiet ippreżentata wkoll kopja tar-rapport redatt mill-espert mediku *ex-parte* **Mr Thomas Azzopardi**, konsulent ortopediku[2], li fir-rapport tiegħu qal li meta tkellem mal-attur għall-finijiet ta' dan ir-rapport, dan kien infurmah li l-aggressjoni inkwistjoni seħħet fl-1 ta' Lulju, 2009 quddiem id-dar tal-attur, meta allegatament dan safa msawwat b'virga u b'pajp tal-metall u konsegwenza ta' dan waqa' mal-art u ħabat rasu, fejn għal xi ħin anki intilef minn sensih. Qal li meta iben l-attur mar biex jassistih, dan ukoll safa aggredit. Wara xi ħin l-attur ittieħed l-Isptar fejn dam għal madwar għaxart ijiem minħabba fil-ġrieħi u l-ksur li sofra. L-attur baqa' jilmenta minn uġigħ f'għonqu u f'dahru, liema uġigħ wasslu biex ma jkunx

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.
[2] *A fol.* 10 et seq. tal-proċess.

jista' jibqa' jagħmel l-istess attivitajiet li kien jagħmel qabel ġie assaltat. Mr Azzopardi fir-rapport tiegħu kkonstata li l-verżjoni li tah l-attur dwar dak li seħħ fl-1 ta' Lulju 2009, hija konsistenti man-natura tal-ġrieħi sofferti mill-attur, u fost il-ġrieħi li kellu kien hemm ferita f'rasu u ksur fl-irkiekel tad-dahar.[3] Mr Thomas Azzopardi kkonstata li konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur esperjenza wġigħ fiżiku kif ukoll tbatija emozzjonali, u minkejja li ngħata terapija fit-tul, xorta waħda baqa' jsofri minn uġigħ u sintomi li jillimitawh fl-attivitajiet tiegħu ta' kuljum. Mr Azzopardi kkonkluda li in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 18%.

L-attur ippreżenta wkoll kopja taċ-ċertifikat maħruġ mill-isptar minn fejn jirriżulta li meta ddaħħal l-isptar hu kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.[4] Ġie ppreżentat ukoll kopja tar-rapport tal-inkjesta li tmexxiet mill-Maġistrat Lawrence Quintano wara l-inċident li seħħ fi Triq Pawlu Debono, Ħaż-Żebbuġ, fl-1 ta' Lulju, 2009.[5] Mill-atti tal-inkjesta jirriżulta li l-attur f'dawn il-proċeduri kien ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Ġurisdizzjoni Kriminali) talli hu aġixxa bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-konvenuti f'periklu ċar meta ta daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta lil George Saliba, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; kif ukoll talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi hu kkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' George Saliba; talli fl-istess ħin, jum, lok u ċirkostanzi kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Doreen

[33] Fi kliem Mr. Thomas Azzopardi: "*[t]he history given for events on 1st July 2009 was consistent with the injuries sustained, including a head injury with a large forehead/scalp laceration, fractures of the vertebral body of the 5th cervical verterbra and the right arch of the 6th cervical vertebra and right transverse process fractures 1st to 4th lumbar vertebrae. He underwent a protracted rehabilitation and he complained of residual symptoms with chronic neck and back pain and stiffness limiting his mobility. Clinical examination revealed residual neck and back tenderness and stiffness, with a prominent unsightly scar on the left forehead. Imaging studies carried out in March 2014 showed multilevel degenerative disk disease with nerve exit foraminal narrowing in the cervical and lumbar spines.*"
[4] *A fol.* 15 tal-proċess.
[5] *A fol*. 16 *et seq.* tal-proċess.

Saliba u fuq il-persuna ta’ Saviour Camilleri, liema ġrieħi ġew ikkaġunati b’arma regolari; talli fl-istess ħin, jum, lok u ċirkostanzi filwaqt illi kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, jew imitazzjonijiet tagħhom; talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi ġarr barra fond jew id-dintorni tiegħu sikkina jew strument li jaqta’ u bil-ponta, mingħajr liċenzja jew permess biex jagħmel dan; talli inġurja u / jew hedded lil George Saliba, Doreen Saliba u lil Salvu Camilleri; u talli kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b’għajjat u ġlied. Jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali[6] li George Farrugia inħeles mill-akkużi miġjuba kontrih *ai termini* tal-artikoli 214, 215, 218, 217 u 221 tal-Kodiċi Kriminali minħabba li tqies li dan aġixxa in leġittima difesa tiegħu nnifsu. George Farrugia nħeles ukoll mill-akkużi miġjuba kontrih taħt il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta, għalkemm instab ħati tal-kontravvenzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u konsegwenza ta’ hekk ikkundannatu għall-ħlas ta’ ammenda ta’ tmienja u ħamsin Euro (€58).

L-attur fl-*affidavit* tiegħu qal[7] li hu ilu jgħix f’dar ġewwa Triq Pawlu Debono, Ħaż-Żebbuġ sa mis-sena 1989. Qal illi l-inċident inkwistjoni jaf il-bidu tiegħu f’Marzu tal-1997 meta l-familja Camilleri marret tirrisjedi fl-istess triq, proprju żewġ bibien ’il fuq mill-familja Farrugia, u wieħed mill-konvenuti, Saviour Camilleri, beda jagħmel xogħol ta’ *mechanic* fuq trakkijiet tal-ġebel u inġenji kbar oħra mingħajr ma kellu l-permessi neċessarji biex jagħmel dan. Qal li dawn ix-xogħlijiet Camilleri kien jagħmilhom kemm fid-dar tiegħu kif ukoll barra t-triq. Żied jgħid li fil-bidu hu kien kellem lil Camilleri flimkien ma’ xi

[6] 13.02.2015, *a fol.* 70 *et seq.* tal-proċess.
[7] *A fol.* 118 tal-proċess.

ġirien oħra tagħhom bil-kelma t-tajba sabiex dan ma jibqax għaddej b'xogħol li kien qiegħed joħloq inkonvenjent lill-ġirien, iżda meta raw li dan kien kollu ta' xejn, ġie deċiż li tiġi organizzata petizzjoni li ġiet mgħoddija lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Awtorità tal-Ippjanar bl-iskop li jittieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jonqos l-inkonvenjent, l-istorbju, id-dħaħen u l-ipparkjar ta' vetturi bl-addoċċ. Qal illi dakinhar tal-1 ta' Lulju, 2009, hu kien qiegħed idaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx meta għaddiet Doreen Saliba minn quddiemu, u skont hu offendietu. Qal li hu rrispondieha lura, u proprju f'dak il-mument ħareġ George Saliba mill-garaxx ta' Saviour Camilleri, qabad qasrija minn fuq il-ħajt tal-ġar u b'saħħa tefa' din il-qasrija fuq il-vettura tal-attur. Żied jgħid li kif ra hekk, hu pprova jidħol jiġri fid-dar tiegħu, iżda fil-pront reġa' tfaċċa George Saliba b'ħadida f'idu, u tah daqqa biha fuq wara ta' rasu, tant li l-attur dak il-ħin storda u waqa' mal-art. Qal li xħin ġie f'sensih, ra lil George Saliba għadu bil-ħadida f'idu, u lil Saviour Camilleri jxejjer bis-sieq u bil-ponn, hekk kif il-mara tal-attur, Carmen, ħarġet mid-dar tagħhom u bdiet tgħajjat għall-għajnuna. Żied jgħid li wara ftit tal-ħin ħareġ ibnu Philip sabiex jassistih, għalkemm min-naħa l-oħra ħarġu wkoll qraba oħra tal-konvenuti b'oġġetti li bdew ixejruhom fid-direzzjoni tal-attur u ibnu. Qal li anki missier George Saliba mar fid-direzzjoni tal-attur u ibnu u beda jxejjer zappuna lejhom, u kemm Doreen kif ukoll George Saliba marru jaggredixxu lil ibnu Philip b'kanna tal-ħadid, u konsegwenza ta' dan ibnu wkoll spiċċa mal-art b'ferita kbira f'rasu u b'daqqiet u qsim f'partijiet oħra ta' ġismu. L-attur kompla jgħid li wara ftit ħin waslet ambulanza u ħadet lilu u lil ibnu lejn l-Isptar fejn instab li l-attur kellu xquq f'żewġt irkiekel minn għonqu kif ukoll f'żewġ irkiekel mix-xewka ta' dahru, bil-periklu li jisfa paralizzat għal għomru. Qal li wara xi ġranet beda l-proċess tar-riabilitazzjoni tiegħu, u hekk kif ħareġ mill-isptar tressaq il-Qorti

quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. L-attur qal li hu għadu jsofri minn ġrieħi f'rasu konsegwenza ta' dan l-inċident, u għadu jattendi għal sessjonijiet ta' terapija għal dahru u għal għonqu minħabba li għadu ristrett ħafna fil-mobilità fiżika tiegħu.

L-attur ippreżenta ritratti sabiex jindika fejn jinsabu r-residenzi tiegħu u tal-konvenut Saviour Camilleri fl-istess triq[8], kif ukoll kopja tal-petizzjoni li ġiet organizzata minnu u li ntbagħtet lill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ bl-ilment tar-residenti minħabba fix-xogħol li kien qiegħed jagħmel Saviour Camilleri fit-triq tagħhom[9], ittri li ntbagħtu lill-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward[10], kif ukoll korrispondenza mibgħuta lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-istess kwistjoni.[11]

L-attur ippreżenta kopja ta' deċiżjoni mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati fid-9 ta' Ġunju, 2011[12], fejn ġie lliberat minn akkużi li pprova jipperikola l-ħajja ta' Michael Saliba billi saq vettura b'mod traskurat u perikoluż fid-direzzjoni tiegħu.

Il-partijiet qablu permezz ta' nota konġuntiva ppreżentata fid-29 ta' Settembru, 2015, dwar in-nomina ta' Mr Joe Borg bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident mertu tal-kawża fuq saħħet l-attur. Permezz ta' digriet tal-1 ta' Ottubru, 2015, din il-Qorti ħatret lil Mr Joe Borg sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata f'dan ir-rigward.[13]

[8] *A fol.* 122 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 125 tal-proċess.
[10] *A fol.* 126 *et seq* tal-proċess.
[11] *A fol.* 129 tal-proċess.
[12] *A fol.* 131 tal-proċess.
[13] *A fol.* 140 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2015 xehdet **Dr Elizabeth Quintano**, li ppreżentat kopja tal-inkjesta maġisterjali dwar l-inċident li seħħ fl-1 ta' Lulju 2009, li fih weġġa' George Farrugia, flimkien mas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-13 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* George Saliba**.[14]

Fl-istess udjenza xehed **l-Ispettur Joseph Mercieca**[15], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, filgħaxija kien xogħol l-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ, u meta wasal għax-xogħol kien ġie infurmat li kien hemm xi persuni għall-interrogazzjoni. Ix-xhud qal li hu kien bl-impressjoni li l-inċident bejn il-partijiet skatta meta George Farrugia kien għaddej mit-triq fejn joqgħod f'Ħaż-Żebbuġ, meta għadda xi rimarki lil Doreen Saliba u lil ommha li inzertaw kienu barra. Qal li l-argument eskala l-aktar minħabba li kien hemm familjari oħra tal-partijiet li ngħaqdu magħhom u l-ġlieda kibret tant li xi nies spiċċaw l-isptar, u sussegwentement il-partijiet anki tressqu l-Qorti akkużati b'għadd ta' reati kriminali.

Fl-istess udjenza xehed l-**Ispettur Malcolm Bondin**[16], li qal li dak iż-żmien hu kien l-Ispettur tad-Distrett stazzjonat l-Għassa ta' Ħal Qormi, u kien hu li kien mar fuq il-post. Qal li xħin wasal hu sab li diġà kienu waslu l-ambulanzi, minħabba li kien hemm numru ta' persuni feruti fl-inċident, u l-Pulizija min-naħa tagħha kellmet lil persuni oħra li kienu baqgħu fuq il-post sabiex jiġi stabbilit eżattament x'ġara u kif seħħ l-inċident. Ix-xhud qal li l-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri kollha tressqu l-Qorti b'diversi akkużi kriminali.

[14] *A fol.* 143 *et seq.* tal-proċess.
[15] *A fol.* 199 tal-proċess.
[16] *A fol.* 202 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Dr Conrad Borg**[17], li hu tabib fl-Emerġenza iżda li qal li ma kienx hu li eżamina lill-attur meta dan iddaħħal l-isptar. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-*file* mediku tal-attur.[18]

Fl-istess udjenza xehed **Sean Meli**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li ntalab jesebixxi dokumentazzjoni marbuta mad-dħul tal-attur għall-perijodu meta seħħ l-inċident.[19]

Mart l-attur **Carmen Farrugia** fl-*affidavit* tagħha[20] spjegat li dakinhar li seħħ l-inċident, hija kienet qiegħda d-dar tagħha ssajjar, meta f'ħin minnhom semgħet taħbita fuq il-bieb, u xħin fetħet sabet lir-raġel tagħha li talabha ċ-ċavetta tal-garaxx biex ikun jista' jdaħħal il-vettura tiegħu.[21] Qalet li wara ftit ħin hi bdiet tisma' ħafna storbju, u hekk kif avviċinat il-bieb ta' barra tar-residenza tagħha, rat lil Grace Saliba li f'idejha kellha speċi ta' zokk ta' siġra tal-Milied u li kienet miexja fid-direzzjoni tar-raġel tagħha filwaqt li bdiet toffendih u taggredieh, u r-raġel tagħha beda joffendiha lura. Qalet li f'temp ta' sekondi tfaċċaw ukoll Doreen Saliba u George Saliba, li qabad qasrija minn fuq il-ħajt ta' wieħed mill-ġirien, u tefagħha fid-direzzjoni tal-vettura tal-attur b'saħħa. Ix-xhud qalet li hi marret tfittex il-*mobile* tagħha sabiex tkun tista' ċċempel lill-Pulizija, iżda ma setgħetx issibu, u għalhekk reġgħet ħarġet barra fejn sabet lil żewġha mal-art, b'Salvu Camilleri jżommu b'idejh it-tnejn mal-art u b'irkopptejh fuq sidru, filwaqt li George Saliba beda jtih id-daqqiet permezz ta' kanna tal-ħadid. Qalet li dak il-ħin hi ppruvat taqla' lil Salvu Camilleri minn fuq żewġha, iżda ma rnexxilhiex, u għalhekk marret iġġib iċ-ċwievet tal-

[17] *A fol.* 205 tal-proċess.
[18] *A fol.* 208 *et seq.* tal-proċess.
[19] *A fol.* 224 tal-proċess. Kopji tad-dokumenti dwar id-dħul tal-attur, *a fol.* 227 *et seq.* tal-proċess.
[20] *A fol.* 231 tal-proċess.

karozza tagħha sabiex issuq lejn l-għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ. Ix-xhud qalet li l-għassa tal-Pulizija kienet magħluqa dak il-ħin, u għalhekk reġgħet irritornat lejn darha, fejn fit-triq rat lil Michael Saliba b'zappuna f'idu li pprova javviċinaha, għalkemm twaqqaf minn xi nies li żammewh. Qalet li anki George Saliba (Snr) ipprova jaggrediha, tant li tefa' *frame* ta' *pram* tal-ħadid fid-direzzjoni tagħha. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li wara ftit tal-ħin waslu l-Pulizija u l-ambulanza.

Fl-udjenza tas-7 ta' Diċembru, 2015 reġa' xehed **Sean Meli** li qal li l-attur kien ingħata pensjoni tal-invalidità minħabba li kien tressaq quddiem bord mediku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali wara li ġie stabbilit li kien ibati minn dipressjoni.[22]

**Mr Joseph Borg**, l-espert mediku maħtur mill-Qorti, eżamina lill-attur fid-19 ta' Jannar, 2016[23], u ppreżenta r-rapport tiegħu wara li tkellem mal-attur, għamillu eżami kliniku u kkonsulta mar-*records* u d-dokumenti mediċi tal-attur. Mr Borg ikkonstata li l-attur sofra diversi ġrieħi konsegwenza tal-aggressjoni li saret fuqu, u li l-attakk fuqu kien vjolenti tant li l-attur sofra ħsara fit-tessuti kif ukoll fl-irkiekel tal-għonq u tas-sinsla tad-dahar. Mr Borg qal li l-attur ma sofra minn l-ebda debilità nevroloġika konsegwenza ta' dan l-inċident, minkejja li ġie stabbilit ukoll li l-attur għadu jsofri minn uġigħ u restrizzjonijiet fil-moviment konsegwenza ta' dak li għadda minnu. Mr Borg ikkonkluda li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 4% konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

[22] *A fol.* 234 tal-proċess.
[23] *A fol.* 242 tal-proċess.

L-attur talab li ssir il-ħatra ta' esperti mediċi addizzjonali sabiex jirrelataw dwar il-konsegwenzi tal-inċident inkwistjoni fuq l-istat ta' saħħa tal-attur u l-Qorti ħatret lil **Mr Jason Zammit** bħala konsulent ortopediku, lil **Mr Antoine Zrinzo** bħala konsulent newrologu u lil **Mr Mario Vella** bħala konsulent oftalmologu sabiex jirrelataw dwar il-konsegwenzi tal-inċident fuq saħħet l-attur. L-esperti mediċi addizzjonali ppreżentaw rapport wieħed konġuntivament[24], fejn wara li eżaminaw lill-attur, stabbilew li ħajjet l-attur inbidlet kompletament wara l-inċident, minħabba li dan kellu jwaqqaf ħafna mid-delizzji li kellu, filwaqt li l-movimenti tiegħu huma ristretti minħabba fl-uġigħ persistenti li jaħkmu. Irriżulta wkoll li wara dan l-inċident l-attur baqa' jbati minn sturdamenti, kif ukoll minn disturbi viżwali, u wara l-inċident hu sar nervuż u jitlef il-paċenzja malajr. L-esperti mediċi addizzjonali kkonkludew li d-diżabilità permanenti li qiegħed ibati minnha l-attur b'mod globali hija ta' 10%.

Fl-*affidavit* tagħha **Mary Camilleri**[25], mart il-konvenut Saviour Camilleri, qalet li dakinhar li seħħ l-inċident hi kienet qiegħda d-dar tagħha, u kienet taħt l-impressjoni li r-raġel tagħha kien ħareġ ma' sieħbu. Qalet li ħin minnhom semgħet l-istorbju, u xħin marret tittawwal barra rat lir-raġel tagħha mixħut mal-art, u George Farrugia kien qiegħed iżomm idejn ir-raġel tagħha filwaqt li t-tifel ta' George Farrugia beda jagħti lil Salvu b'pajp li kellu f'idu. Qalet li dak il-ħin hi ħarġet mid-dar, fejn sabet lil George Saliba li jiġi kuġin tagħha, li kien mimli demm, li qalilha li kien qala' daqqa ta' sikkina. Żiedet tgħid li waqt il-ġlieda l-attur kien uża sikkina, u r-raġel tagħha kien ħadhielu minn idu, u qasamha. Ix-xhud qalet li l-inkwiet bejn il-familja tagħha u dik tal-attur kien ilu

[24] *A fol.* 280 tal-proċess.
[25] *A fol.* 287 tal-proċess.

għaddej is-snin u dan minħabba li skont l-attur ir-raġel tagħha kien jaħdem mid-dar mingħajr permess. Żiedet tgħid li r-raġel tagħha kien tilef parti riġlu f'inċident li kellu fuq il-post tax-xogħol, u għalhekk ma setax jaħdem fejn irid, u meta kien jipprova jagħmel xi biċċa xogħol fil-garaxx tad-dar tagħhom, l-attur kien moħħu biex jirrappurtah.

Oħt il-konvenut George Saliba, **Doreen Saliba** fl-*affidavit* tagħha qalet[26] li fil-ħin tal-inċident hija kienet ħierġa mid-dar meta talbet lil ommha Grace tiġbor xi affarijiet mill-vettura tagħha. Qalet li f'ħin minnhom rat lill-attur javviċinahom bil-karozza tiegħu b'veloċità qawwija, u 'ħin għadda minn ħdejhom semgħetu jitkellem pastaż. Qalet li wara ftit rat lil George Farrugia f'tarf it-triq jiġġieled ma' Salvu Camilleri, flimkien ma' ibnu, Philip Farrugia. Qalet li rat lil George Farrugia joħroġ sikkina minn ġol-bagoll tal-karozza tiegħu u jpoġġiha fil-but tal-qalziet tiegħu, u wara ftit kemm George kif ukoll ibnu Philip qabdu xi kanen milli kien hemm fir-rampa tad-dar tagħhom. Kompliet tgħid li fid-daqqa u l-ħin rat lill-attur jagħti daqqa ta' sikkina lil ħuha George Saliba, u dak il-ħin George Farrugia ta s-salt fuqha u weġġagħha. Wara dar għal Saviour Camilleri, li beda jżommlu jdejh biex ma jibqax jagħti bis-sikkina, u dak il-ħin kemm Saviour Camilleri kif ukoll George Farrugia waqgħu fuq xulxin. Qalet li wara ftit saqet lil ħuha lejn l-Isptar.

Permezz ta' nota tas-26 ta' Jannar, 2017, il-konvenuti ppreżentaw kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija *vs.* George Farrugia** tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fid-9 ta' Lulju, 2003[27], kif ukoll kopja ta' rapport tal-21 ta' Diċembru, 2007[28], kopja ta' rapport tat-28 ta' Ġunju, 2008[29], kopja ta' rapport tat-30 ta'

[26] *A fol.* 289 tal-proċess.
[27] *A fol.* 291 tal-proċess.
[28] *A fol.* 294 tal-proċess.

Ottubru, 2008[30] u kopja ta' rapport tat-8 ta' Novembru, 2008[31], liema rapporti lkoll saru lill-Pulizija wara ġlied li nqala' bejn il-partijiet li huma ġirien ta' xulxin.

Il-konvenuti għamlu għadd ta' domandi in eskussjoni tal-esperti mediċi addizzjonali. Fl-24 ta' Mejju, 2017 xehed **Mr Mario Vella**[32], sabiex iwieġeb għad-domandi in eskussjoni li saru mill-konvenuti. Mr Vella spjega li l-attur għadu jbati minn pressjoni għolja f'għajnejh, u li din il-kundizzjoni tista' tikkawża trombosi fl-għajn. Ix-xhud spjega li l-attur beda jsofri minn disturbi viżwali wara l-inċident inkwistjoni, għalkemm qal li ma jistax jgħid jekk kienx hemm disturbi simili qabel l-inċident. L-esperti mediċi addizzjonali l-oħra **Mr Jason Zammit** u **Mr Antoine Zrinzo**[33], wieġbu bil-miktub għad-domandi li sarulhom in eskussjoni, fejn qalu li l-uniku inċident ieħor li kellu l-attur kien seħħ fl-1982, u li dan l-inċident kien affettwalu idu l-leminija u ma kellu x'jaqsam xejn mad-diżabilità sofferta minnu bl-inċident tal-2009. Mr Zammit u Mr Zrinzo ikonstataw li l-attur kien ilu jieħu pilloli għall-pressjoni, għall-kolesterol u għall-uġigħ fl-istonku minn qabel l-inċident, iżda qalu li l-pilloli għall-uġigħ bdiehom wara l-inċident tal-2009. Mr Zammit u Mr Zrinzo qalu li huma ffissaw diżabilità permanenti ta' 5% għad-diżabilità kożmetika li sofra l-attur minħabba l-inċident, u diżabilità permanenti 6% għad-diżabilità ortopedika.

Fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 2018 xehed **Edwin Attard** in rappreżentanza tal-Malta Amateur Athletics Association[34], li qal li l-attur qatt ma kien parti mill-kumitat tal-MAAA, għalkemm kien irreġistrat bħala atleta mal-klabb. Ix-xhud

---

[29] *A fol.* 298 tal-proċess.
[30] *A fol.* 300 tal-proċess.
[31] *A fol.* 303 tal-proċess.
[32] *A fol.* 318 tal-proċess.
[33] *A fol.* 326 tal-proċess.
[34] *A fol.* 344 tal-proċess.

kompla jiddeponi fl-udjenza tas-26 ta' Marzu, 2018[35], fejn qal li l-attur kien jipparteċipa fit-tlielaq fit-toroq, u minn xi snin dan beda jipparteċipa bħala organizzatur tat-tlielaq u mhux aktar bħala parteċipant.[36] Ix-xhud ikkonferma li l-attur ma baqax involut fil-klabb tal-atletika la bħala organizzatur u lanqas bħala parteċipant, u qal li jidhirlu li l-attur baqa' attiv sas-sena 2010. Ix-xhud esebixxa dokumentazzjoni b'*records* tal-*leagues* li saru[37] u qal li hemm *records* fejn l-attur mhux imsemmi minħabba li ma kienx baqa' attiv. Fil-fatt il-Qorti fliet dawn id-dokumenti u jidher li wara l-2009, l-attur ma reġax ġie indikat bħala wieħed mill-parteċipanti fit-tlielaq li kienu jkunu organizzati

Fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur[38], dan għal darb'oħra kkonferma li l-problemi bejnu u Saviour Camilleri bdew lura fl-1997 meta Saviour Camilleri beda jaħdem bħala *mechanic* f'garaxx li għandu fit-triq fejn jirrisjedi l-attur. L-attur qal li dakinhar tal-inċident hu kien argumenta ma' Doreen Saliba li kienet waqfet biex tgħajjru, u hu kien għajjarha lura. L-attur qal li mhux minnu li hu kien ser itajjar lil Grace Farrugia. Lix-xhud sarlu riferiment għal inċident simili fejn Michael Saliba kien ukoll akkużah li kien ser itajru, u l-attur qal li dakinhar hu kien ġie lliberat mill-akkużi kontrih. L-attur qal li l-ewwel daqqa ta' ħadida fl-inċident tal-1 ta' Lulju, 2009, kien tahielu George Saliba, u spjega d-dinamika ta' kif seħħet l-aggressjoni b'dan il-mod:

> "Il-każ beda, Doreen Saliba waqfet tgħajjarni quddiem il-bieb, kont ħa nipparkja fil-garaxx jien biex niftaħ il-bieb, waqfet tgħajjarni, f'xi ħin instema' l-istorbju għax hi bdiet tgħajjat u jien bdejt ngħajjat. Ħareġ mill-garaxx George Saliba jew minn fejn ħareġ ma nafx. Kif rana nargumentaw daħal jiġri fil-garaxx ta' Salvu Camilleri, ġie

35 *A fol.* 349 tal-proċess.
36 Fi kliem ix-xhud, "[j]iena kif nikkonferma li minkejja li ma kienx jieħu sehem bħala parteċipant baqa' involut bħala *organizer all right* mal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard fit-tellieqa hekk imsemmija Attard Road Race li dawn kien hemm, kien hemm tnejn fis-sena."
37 *A fol.* 358 *et seq.* tal-proċess.
38 *A fol.* 377 tal-proċess.

> b'ħadida, jien mort biex niftaħ u nidħol ġol-garaxx u tani daqqa ġo rasi minn wara hawnhekk."

L-attur qal li hu intilef minn sensih bl-ewwel daqqa li qala' mingħand George Saliba, u kif reġa' ġie f'sensih sab lil Saviour Camilleri li kien qiegħed isawtu wkoll, u wara ssieħbu magħhom Doreen Saliba, ommha u l-mara ta' Saviour Camilleri. L-attur qal li George Saliba ammetta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li kien tah b'ħadida. Qal ukoll li hu qabad sikkina li kienet f'qasrija li hu kellu fil-parapett u ta daqqa ta' sikkina lil George Saliba biha. L-attur qal li preċedentement għal dan l-inċident kien hemm diversi rapporti mill-familja ta' Camilleri u Saliba li hu kien qiegħed iżomm sikkina proprju sabiex jużaha meta jinqala' l-bżonn, kif għamel dakinhar tal-inċident, u qal li hu twaqqaf mill-Pulizja u sarulu tfittxijiet diversi drabi b'rabta ma' dawn ir-rapporti, iżda l-Pulizija qatt ma sabulu xejn. L-attur qal li l-inkwiet kien jinqala' minħabba li hu għamel diversi rapporti li Saviour Camilleri kien qiegħed jaħdem fil-garaxx mingħajr permess, tant hu hekk kien għamel petizzjoni u baqa' jinsisti mal-awtoritajiet li dan il-garaxx kellu jingħalaq, u qal li l-familja ta' Camilleri ma ridux li hu jibqa' jippersisti biex dan jitwaqqaf minn xogħlu. Qal li Camilleri għandu familja kbira, li lkoll jaqbżu għal xulxin, u dakinhar tal-inċident hu kien ġej mit-*training* meta f'ħin minnhom Doreen Saliba waqqfet il-karozza tagħha quddiem id-dar tiegħu u bdiet toffendih. Qal li kif sema' l-kommozzjoni, George Saliba kien pront mar iġib ħadida u minn hemm bdiet l-aggressjoni li wasslet għal dawn il-proċeduri. L-attur spjega li l-kwistjonijiet bejn il-partijiet kienu ilhom għaddejjin snin, bil-Pulizija jissiġillaw il-garaxx u l-għodda li juża Saviour Camilleri sabiex dan jieqaf mix-xogħol li kien qiegħed jagħmel, b'diversi rapporti lill-Awtorità tal-Ippjanar, u sadanittant hu baqa' jiġġieled għad-drittijiet tiegħu sabiex Camilleri jitwaqqaf minn dak li kien qiegħed

jagħmel. L-attur qal li hu dritt tiegħu li jibqa' jiġġieled għad-drittijiet tiegħu.[39] B'riferiment għall-konsegwenzi li ħalla fuqu dan l-inċident, l-attur qal li hu waqaf milli jieħu sehem fil-maratoni, u hu konxju ħafna miċ-ċikatriċi li għandu fuq moħħu, tant li ħafna mill-ħin joħroġ b'beritta. Qal ukoll li hu għadu jbati biex isuq il-karozza minħabba fl-uġigħ. Qal li wara l-inċident inkwistjoni hu ngħata pariri mill-fiżjoterapisti biex jerġa' jibda jimxi minħabba li l-ġogi ta' min hu atleta jiġu affettwati jekk dan iwaqqaf l-eżerċizzju ħesrem.

Permezz ta' nota tat-2 ta' Mejju, 2018, il-konvenuti esebew sensiela ta' dokumenti u ritratti sabiex jippruvaw li l-attur kien għadu jipparteċipa f'attivitajiet sportivi u jagħmel *refereeing* f'diversi attivitajiet sportivi[40] anki wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. Ġew esebiti wkoll rapporti li saru lill-Pulizija in segwitu għal inċidenti li seħħew bejn il-partijiet, fosthom rapport li sar wara li l-attur saq fid-direzzjoni ta' George Saliba waqt li fit-triq kien hemm ħafna ilma, u xarrbu[41]; rapport ieħor tal-11 ta' Novembru, 2010 li sar minn Doreen Saliba li rrappurtat li l-attur kien qiegħed isuq u waqqaf il-vettura tiegħu viċin ħafna tal-post minn fejn kienet għaddejja hi[42]; u rapport ieħor li sar minn Doreen Saliba fit-2 ta' Diċembru, 2010 li rrappurtat li l-attur iffastidjaha waqt li hi kienet qiegħda ssuq il-vettura tagħha.[43]

Fl-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2018 xehed il-konvenut **George Saliba**[44], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni hu kien qiegħed ġewwa d-dar tiegħu, li tinsab distanza ta' madwar tmint idjar 'il bogħod mid-dar tal-attur. Qal li hu

[39] Fi kliem l-attur, "[j]ien mhux irritaljajt, jien iġġilidt għad-dritt tiegħi li għandi dritt bħala ċittadin li niġġieled għad-dritt tiegħi. Dak ġie hemmhekk fetaħ ta' mekkanik, mingħalih ħa jgħaddi romblu minn fuq kulħadd u jien mhux għax isibni waħdi u huma familja kbira mingħalih jagħmilha tal-*hero* għax ikun ma' sħabu s-Sur Saliba jiġi jheddidni lili."
[40] A fol. 397 *et seq.* tal-proċess.
[41] *A fol.* 390 *et seq.* tal-proċess.
[42] A fol. 393 tal-proċess.
[43] A fol. 395 tal-proċess.
[44] A fol. 406 tal-proċess.

kien ġewwa meta sema' xi għajjat, fosthom l-ilħna ta' ommu u ta' oħtu, u kien għalhekk li ħareġ barra, fejn sab lill-attur li beda jisfidah jersaq għall-ġlied, fost ħafna kliem ħażin u theddid li ser ipattilu ta' kollox. Qal li kif avviċinahom, oħtu kienet infurmatu li Farrugia kellu sikkina fil-but ta' wara, u t-tifel tal-attur garalu ġebla. Qal li l-ġlied beda hekk kif hu resaq viċin id-dar ta' Saviour Camilleri, u l-attur ħareġ is-sikkina mill-but u tah daqqa biha. Qal li huwa sab kanna li kienet *f'roundabout* faċċata u pprova jiddefendi ruħu biha. Ix-xhud qal li Saviour Camilleri qatt ma kien involut fil-ġlieda, iżda b'xi mod irnexxielu jaħtaf is-sikkina minn id l-attur u jwaqqfu milli jkompli jagħti biha. Ix-xhud spjega li wara li hu ta daqqa ta' ħadida lill-attur, hu beda jgħejja bid-demm li beda joħroġlu, u beda jinqatagħlu n-nifs, u kienet oħtu li wasslitu l-isptar. Żied jgħid li kif wasal l-isptar ġie operat mill-ewwel. Ix-xhud qal li sa fejn jaf hu, l-attur qala' daqqa waħda biss, u l-ġlieda bdieha iben l-attur li gara ġebla lix-xhud, u dan irritalja billi garalu qasrija.

Fl-udjenza tal-4 ta' Lulju, 2018 xehed l-**Ispettur Jesmond Borg**[45], li qal li lill-partijiet jafhom minħabba li l-attur spiss kien imur l-għassa jagħmel rapporti dwar Saviour Camilleri li kien jallega li qiegħed jagħmel xogħol ta' *mechanic.* Qal li hu dejjem kien jieħu azzjoni fuq ir-rapporti li kienu jsiru, u kull darba li għamel spezzjoni fil-garaxx ta' Camilleri ma kienx isibu jaħdem, tant li anki l-għodda kienet tkun issiġillata. Ix-xhud qal li darba minnhom l-attur kien ċempel l-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ sabiex jagħmel rapport dwar Camilleri, u meta ħadd ma wieġeb it-*telephone, dan* kien għamel rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija li l-għassa kienet qiegħda tinżamm magħluqa, meta dan ma kienx il-każ. Qal li hu spiċċa jiddefendi lilu nnifsu u lil sħabu minħabba fl-aġir tal-attur li kien jallega li ħadd mhu jieħu azzjoni jew passi fuq ir-rapporti tiegħu. Ix-xhud

[45] *A fol.* 419 tal-proċess.

qal li sa fejn jaf hu, u minkejja li hu kien ikun prosekutur, Saviour Camilleri qatt ma kien jistab ħati tal-akkużi li jinġiebu kontrih.

Fl-istess udjenza xehdet **RWPC 3073 Maria Grima**[46], li ntalbet tesebixxi kopji tar-rapporti li saru minn George Saliba. B'kollox ix-xhud ippreżentat seba' rapporti, fosthom rapport tat-8 ta' Frar, 2008 li kien sar minn Saviour Camilleri li rrapporta li George Farrugia u ibnu kienu heddew lil George Saliba, u rapporti oħra minħabba ġlied jew theddid bejn il-partijiet f'din il-kawża.[47]

Il-konvenut **Saviour Camilleri** ppreżenta kopja ta' rapport mediku rilaxxjat minn Mr Anthony A. Bernard, kirurgu ortopediku, wara li huwa kellu inċident fuq il-post tax-xogħol li konsegwenza tiegħu tilef parti minn riġlejh u baqa' jbati minn diżabilità permanenti ta' 35%.[48] Ġew esebiti wkoll kopji ta' ċertifikati u dokumentazzjoni mill-*file* mediku tal-konvenut Saviour Camilleri.[49]

Fl-udjenza tal-4 ta' Lulju, 2018 xehdet **Mary Camilleri**[50], mart il-konvenut Saviour Camilleri u kuġina tal-konvenut George Saliba, li qalet li l-attur kien ġar tagħha. Ix-xhud qalet li r-raġel tagħha kellu inċident f'barriera lura fl-1991, konsegwenza ta' liema kien tilef nofs il-pala ta' siequ u l-għaksa, u għalhekk juża prosteżi biex jimxi. Qalet li hekk kif żewġha ħareġ mill-arrest ħabs wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, kellu jiddaħħal l-isptar sabiex tinbidillu l-prosteżi. Ix-xhud qalet li l-attur kien ilu jiffastidjaha u jipprovokaha billi joqgħod iħares lejha jew joħroġ jaħsel barra xħin kumbinazzjoni tkun qiegħda taħsel hi, u xi drabi kien jaqbad ma' zijitha li kienet tmur tgħinha, jew mat-tfal tagħha. Ix-xhud qalet li t-tfal tagħha ma kinitx tafdahom barra waħedhom minħabba li l-

[46] *A fol.* 423 tal-proċess.
[47] *A fol.* 431 *et seq.* tal-proċess.
[48] A fol. 455 *et seq.* tal-proċess.
[49] *A fol.* 457 *et seq.* tal-proċess.
[50] *A fol.* 466 tal-proċess.

attur kien jaqbad magħhom. Ix-xhud qalet li f'Novembru tal-2008 kienet mietet in-nanna tagħha, u l-attur kien għadda minn ħdejha u offendieha u hi weġbitu lura. Ġar ieħor tagħhom kien ġibdilha l-attenzjoni li l-attur kellu sikkina li kien qiegħed jaħbi fil-karozza tal-mara tiegħu. Ix-xhud qalet li hi ma ratx l-inċident tal-1 ta' Lulju, 2009 jseħħ minħabba li mingħaliha r-raġel tagħha kien ħareġ ma' ħabib tiegħu u hi kienet qiegħda tagħmel xi xogħol fid-dar. Qalet li wara xi ħin semgħet l-għajjat u xħin ittawlet mill-gallerija rat lir-raġel tagħha mixħut minn tulu bl-attur iżommlu jdejh, u t-tifel tal-attur itih b'kanna. Ix-xhud qalet li dak il-ħin hi bdiet twerżaq u l-kuġin tagħha qalilha li kien qala' daqqa ta' sikkina. Kompliet tgħid li r-raġel tagħha wrieha sikkina li kienet fil-pussess tal-attur li hu kien irnexxielu jneħħi minn idu u qasamha. Kompliet tgħid li sakemm tela' fl-ambulanza, l-attur baqa' jgħajjat u jgħid li jrid joqtol lill-familja ta' Camilleri kollha. Qalet li meta l-attur imur villeġġjatura fis-sajf, ir-rapporti dwar żewġha jieqfu, u kien hemm uħud mill-ġirien li ffirmaw petizzjoni biex ir-raġel tagħha jingħata permess biex jaħdem għax minħabba d-diżabilità li għandu ma jistax jaħdem fejn irid.

Il-konvenuti ppreżentaw kopja ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) fit-13 ta' Settembru, 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* George Saliba u Saviour Camilleri**, fejn wara li l-imputati kienu ġew akkużati talli fl-1 ta' Lulju 2009 ikkaġunaw ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' George Farrugia, permezz ta' arma irregolari, fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Philip Farrugia, talli volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, talli inġurjaw u/jew heddew lil George Farrugia, Carmen Farrugia u lil Philip Farrugia u talli kisru l-buon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied, il-Qorti

lliberat lill-imputati, il-konvenuti f'dawn il-proċeduri, mill-akkużi kollha miġjuba kontrihom.

Il-konvenut George Saliba ppreżenta wkoll kopja tal-*EU Disability Card* tiegħu.[51]

Fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 2019 xehed il-**psikjatra Joseph Spiteri**[52], li qal li hu jaħdem bħala konsulent psikjatra fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u kien sar jaf lil Saviour Camilleri madwar disa' snin u nofs qabel meta kien taħt arrest u beda juri sintomi ta' *post traumatic stress disorder.* Qal li wara dak l-episodju hu baqa' jsegwi lill-konvenut fi klinika privata, u sussegwentement kien ikkonstata li l-konvenut kien għadu jbati minn sintomi ta' ansjetà u dipressjoni qawwija, għal xi żmien kellu problemi tal-alkoħol, kif ukoll kien iffissa li xi ħadd għandu għalih. Ix-xhud spjega li l-istat ta' ansjetà li għandu l-konvenut kien ħakmu wara l-inkwiet li kellu ma' wieħed mill-ġirien tiegħu, u dan l-inkwiet kien affettwalu l-istat mentali tiegħu. Ix-xhud spjega li anke jekk Camilleri kellu problema ta' alkoħol qabel dan l-inċident, wara din il-problema kienet żdiedet b'mod sinifikanti.

Il-kontroeżami tal-konvenut **George Saliba** sar waqt l-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2019[53], fejn dan qal li hu biss kien involut fl-inċident inkwistjoni mal-attur. Qal li l-inċident seħħ waqt li hu kien qiegħed id-dar tiegħu u ommu marret iġġiblu xi affarijiet mill-karozza tiegħu, meta f'ħin minnhom sema' lil Farrugia jilletika ma' ommu u ma' oħtu. Qal li l-attur beda joffendih u hu offendieh lura, u dak il-ħin kien għadu ħdejn id-dar tiegħu u l-attur ukoll kien ħdejn daru. Qal li hu

[51] *A fol.* 520 tal-proċess.
[52] *A fol.* 528 tal-proċess.
[53] *A fol.* 534 tal-proċess.

beda javviċina d-dar tal-attur meta f'ħin minnhom sema' lil oħtu tgħajjat li l-attur kellu sikkina fil-but ta' wara, u kompla jgħid li minkejja li l-ġlieda kienet bl-idejn, f'ħin minnhom l-attur qabad is-sikkina u tah daqqa biha. Il-konvenut qal li hu applika għad-*disability card* minħabba li hu jaħdem fil-ġebel u filwaqt li qabel kien jiflaħ jagħmel ġurnata xogħol sħiħa, issa m'għadux jiflaħ jagħmilha. Il-konvenut ikkonferma li hu kien ta daqqa ta' ħadida lill-attur u f'dak il-ħin Saviour Camilleri ma kienx qiegħed ħdejh. Qal li Saviour Camilleri kien il-persuna li neħħa s-sikkina minn id l-attur, iżda ma kienx involut fil-ġlieda. Il-konvenut qal li minkejja li fil-ħin tal-ġlieda kien hemm diversi persuni preżenti, fosthom membri tal-familja tiegħu, mhux minnu li dawn aggredew lill-attur b'diversi oġġetti fosthom b'zokk ta' siġra tal-Milied jew zappuna. Il-konvenut George Saliba qal ukoll li hu waddab qasrija fid-direzzjoni tal-attur minħabba li dan kien garalu ġebla.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Fl-ewwel lok il-Qorti trid tiddetermina jekk iż-żewġ konvenuti jew xi wieħed minnhom għandhomx jinżammu responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, tenut kont li l-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet f'dawn il-proċeduri dwar il-mod kif seħħet il-ġlieda bejniethom, huma konfliġġenti. Il-Qorti tibda billi tagħmel riferiment għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Francesco Gauci *vs.* Salvatore Gauci**[54], fejn intqal illi:

> "Danni kkaġunati fi ġlieda ma humiex danni kontrattwali, u lanqas akwiljani, imma huma danni konsegwenzjali għall-azzjoni kriminuża vera u proprja u għalhekk japplikaw il-prinċipji tad-dritt penali."

[54] 30.11.1956.

Il-parteċipanti fil-ġlieda mertu tal-kawża odjerna taw verżjonijiet konfliġġenti dwar il-mod kif seħħet din il-ġlieda, u għalhekk huwa kompitu ta' din il-Qorti li tistabbilixxi x'kien sewwa sew dak li ġara fuq bilanċ ta' probabbiltajiet. F'deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Joseph Borg et *vs.* Joseph A. Bartolo**[55] ntqal illi:

> "F'ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti għandha tiġi ggwidata mis-segwenti prinċipji:
>
> 1. Li tagħraf tirrikava korroborazzjoni li tista' tikkonforta t-teżi ta' naħa waħda jew oħra fost il-kontendenti. Dan bl-adoperu tas-soliti kriterji tal-kredibbilità u tal-verosimiljanza, in kwantu dawn huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant **(Kollezz. Vol. L p. II pg. 440)**;
>
> 2. Li tara jekk huwiex il-każ li tapplika xi waħda minn dawn il-massimi, *'actore non probate reus absolvitur',* jew '*reus in excipiendo fit actor';* u
>
> 3. Fi kwistjoni ta' kredibbilità u apprezzament ta' provi l-kriterji mhumiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn lewn id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja."

Il-Qorti semgħet lill-attur jgħid kif dakinhar tal-1 ta' Lulju, 2009, hu kien dieħel lura d-dar wara sessjoni ta' taħriġ, meta Doreen Saliba, li għandha parentela mal-konvenuti, offendietu, u hu weġibha lura. Dan ma kienx xi inċident iżolat iżda jirriżulta li dan l-episodju seħħ fl-isfond ta' diversi tilwimiet u argumenti li kienu ilhom għaddejjin is-snin bejn il-partijiet, liema tilwim jaf il-bidu tiegħu lis-sena 1997 meta Saviour Camilleri mar joqgħod f'dar fl-istess triq tal-attur, ġewwa Triq l-Imħallef Pawlu Debono, Ħaż-Żebbuġ. Camilleri, li hu persuna li fil-passat kellu inċident fuq il-post tax-xogħol tiegħu li ħallieh b'debilità permanenti wara li parti minn riġlu kellha tiġi amputata, allegatament beda jaħdem bħala *mechanic* fuq inġenji kbar mingħajr ma kien kopert bil-permessi meħtieġa biex jagħmel dan, u din is-sitwazzjoni wasslet lill-attur biex l-ewwel

[55] Qorti tal-Appell (Inferjuri)

ikellem lil Camilleri bil-kelma t-tajba fejn qallu li kien qiegħed joħloq inkonvenjent lilu u lill-ġirien l-oħra, u sussegwentement l-attur organizza petizzjoni li ntbagħtet lill-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll għamel diversi rapporti lill-Pulizija minħabba li l-konvenut kien qiegħed jaħdem u jikkawża inkonvenjent lill-ġirien, bl-istorbju, bid-dħaħen u bil-vetturi li kienu jitħallew fit-triq. Dan kollu wassal għal sensiela ta' rapporti, proċeduri l-Qorti fil-konfront tal-partijiet individwalment jew kontra xulxin, sitwazzjoni ta' antagoniżmu assolut minħabba li kif wieħed jista' jimmaġina, kull meta l-partijiet jew membri tal-familja tagħhom jiltaqgħu fit-triq kienu jispiċċaw jew jitlewmu jew jimmaġinaw li xi ħadd minnhom qiegħed isus fuq l-ieħor. Is-sitwazzjoni jidher li ddeġenerat tant li dakinhar tal-1 ta' Lulju, 2009, l-aggressjoni tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin kienet tant vjolenti li wħud minnhom spiċċaw rikoverati l-isptar u sussegwentement ittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom kollha.

Il-Qorti semgħet il-verżjoni li ta l-attur dwar il-mod kif seħħet il-glieda tal-1 ta' Lulju, 2009, fejn intqal li wara li Doreen Saliba offendietu u hu offendieha lura, mill-garaxx ta' Saviour Camilleri ħareġ George Saliba, ħu Doreen Saliba, b'ħadida f'idu, u wara li gara qasrija lejn il-vettura tal-attur, tah daqqa ta' ħadida f'rasu, u minħabba f'hekk l-attur spiċċa intilef minn sensih għal xi ħin. L-attur qal li xħin ġie f'tiegħu ra lil George Saliba u Saviour Camilleri t-tnejn li b'vireg u pajpijiet tal-ħadid f'idejhom, li bdew isawtu kemm lilu kif ukoll lil ibnu Philip, li sadanittant ħareġ biex jassisti lil missieru. L-attur qal li sadanittant issieħbu fil-ġlieda familjari u qraba oħra tal-konvenuti, fosthom missier George Saliba li ħareġ b'zappuna, Grace Saliba li ħarġet b'zokk ta' siġra tal-Milied, George Saliba li ħareġ bi pramm tal-ħadid, u persuni oħra li lkoll ingħaqdu fil-ġlieda kontra l-attur. Mart l-attur, Carmen, li indunat x'kien

qiegħed jiġri wara ċertu ħin, sostniet din il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn żewġha. L-attur qal li konsegwenza ta' dan l-inċident u tal-aggressjoni fiżika li sofra, huwa ġarrab ksur fix-xewka ta' dahru u fl-irkiekel ta' għonqu, kif ukoll ferita f'rasu, u qal li hu għadu jkun muġugħ u qiegħed isofri minn diversi restrizzjonijiet fil-ħajja tiegħu konsegwenza ta' dak li ġara. Il-Qorti osservat kif wieħed mill-esperti mediċi li eżamina lill-attur, Mr Thomas Azzopardi, irrimarka li l-ġrieħi li kellu l-attur kienu kompatibbli mal-mod kif l-attur iddeskriva li seħħ l-inċident inkwistjoni.

Ix-xhieda li tressqu mill-konvenuti taw verżjoni differenti minn dik li ta l-attur u l-mara tiegħu. Mary Camilleri, mart il-konvenut Saviour Camilleri, qalet li meta hi ttawlet mid-dar tagħha wara li semgħet l-istorbju fit-triq, hi setgħet tara lir-raġel tagħha mixħut mal-art, b'George u Philip Farrugia jsawwtuh, filwaqt li l-konvenut l-ieħor, George Saliba, li x-xhud qalet li jiġi kuġin tagħha, beda jgħidilha li kien qala' daqqa ta' sikkina mingħand l-attur. Din ix-xhud qalet li kien Philip Farrugia, iben l-attur, li beda jsawwat lir-raġel tagħha b'pajp, u l-attur uża sikkina li r-raġel tagħha kien irnexxilu jaħtaf minn id l-attur u qasamha. Il-Qorti tirrileva li l-attur qatt ma ċaħad li hu rritalja billi qabad jagħti lill-konvenut Saliba b'sikkina, li qal li kienet f'qasrija fil-parapett tad-dar tiegħu.

Doreen Saliba, oħt il-konvenut George Saliba, qalet li l-attur offenda lil ommha waqt li hija kienet qiegħda ġġib xi affarijiet mill-vettura tagħha, u s-sikkina l-attur ħariġha mill-bagoll tal-vettura tiegħu. Din ix-xhud qalet li ħuha u Saviour Camilleri ddefendew ruħhom billi wżaw kanen u pajpijiet li sabu fir-rampa tagħhom.

Min-naħa tiegħu George Saliba qal li hu ħareġ barra wara li sema' xi storbju ġej mid-dar ta' ommu, u hekk kif ħareġ, l-attur kiesaħ u biered beda jisfidah għall-ġlied, beda jkellmu ħażin u jheddu li ser joqtlu. Dan ix-xhud qal li huwa ddefenda ruħu b'kanna tal-ħadid li sab *f'roundabout,* u li Saviour Camilleri ma kellu l-ebda sehem f'din il-ġlieda, iżda involva ruħu biss sabiex ħataf is-sikkina li kellu f'idu l-attur, u qasamha.

Il-Qorti kkonsidrat ix-xhieda mogħtija quddiemha fl-isfond ta' evidenza ċirkostanzjali oħra li ħarġet waqt il-ġbir tal-provi, partikolarment il-mod kif il-partijiet ilhom snin imqabbdin ma' xulxin, moħħhom f'xulxin, b'rapporti li jirrisalu fuq il-fieragħ basta b'daqshekk jivvessaw lil xulxin, u li jirriżulta li f'dan ir-rapport xejn feliċi bejn il-ġirien, il-konvenuti kellhom il-konfort u l-assistenza ta' diversi membri tal-familja tagħhom, li minflok raw kif iberrdu s-sitwazzjoni, kienu jkomplu bl-allegazzjonijiet fil-vojt u bit-tkeskis għall-ġlied, kif setgħet tikkonkludi l-Qorti anki mix-xhieda li ngħatat mill-konvenuti. Madanakollu l-Qorti hija konvinta li dakinhar tal-1 ta' Lulju, 2009, l-attur safa aggredit mill-konvenut George Saliba, li wara li sema' diverbju bejn l-attur u oħt il-konvenut u ommu, ħareġ barra bl-iskop li jiġġieled, u l-ewwel gara qasrija fid-direzzjoni tal-vettura tal-attur, u wara beda jtih b'ħadida li mar ġab mill-garaxx ta' Saviour Camilleri. Huwa minnu li l-attur irritalja anki billi qabad sikkina u beda jagħti lil wieħed mill-konvenuti biha, iżda jidher ċar li d-danni sofferti mill-attur huma konsegwenza tad-daqqiet li qala' mingħand George Saliba, li kien hu li tah l-ewwel daqqiet li bihom medd lill-attur mal-art. Il-Qorti għandha d-dubji tagħha dwar jekk Saviour Camilleri kienx involut fil-ġlieda b'mod attiv, kemm minħabba li anki George Saliba xehed li dan ma ppartecipax fl-aggressjoni ħlief biex ineħħi s-sikkina li l-attur kellu f'idu, kif ukoll minħabba li anki mix-xhieda tal-attur jirriżulta li kien George Saliba li beda jagħti lill-attur

bil-ħadida, u minkejja li Saviour Camilleri ma qagħadx lura, milli fost affarijiet oħra jkompli fejn beda Saliba anki billi żamm lill-attur, ma kienx hu li kkawża l-vjolenza fuq l-attur li wasslet għad-debilitajiet permanenti li l-attur għadu jsofri minnhom għaxar snin wara l-inċident. Il-Qorti kkonsidrat ukoll dak illi xehed George Saliba li Saviour Camilleri ma kienx ipparteċipax fil-ġlied, u anki jekk wieħed jikkonsidra l-etajiet u l-kundizzjoni fiżika tal-partijiet, fuq bażi ta' probabbilitajiet jirriżulta li kien George Saliba li kkawża d-debilità permanenti li baqa' jsofri minnha l-attur, filwaqt li Saviour Camilleri, minkejja li pparteċipa fl-aggressjoni, m'għandux jinżamm responsabbli għad-danni kkaġunati lill-attur.

*Damnum Emergens:*

L-attur esebixxa irċevuta fis-somma ta' mitejn Euro (€200) għall-ħlas tar-rapport mediku redatt mill-espert mediku *ex-parte* Mr Thomas Azzopardi b'rabta mal-konsegwenzi tal-inċident mertu tal-kawża u għalhekk id-danni materjali sofferti mill-attur huma ta' €200.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[56], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

[56] P.A., 18.02.2013.

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[57], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-Qorti tirrileva li fl-istadju tal-ġbir tal-provi ma tressqet l-ebda prova mill-attur fir-rigward tal-qligħ li kien jipperċepixxi fiż-żmien meta seħħ l-inċident. Barra minn hekk fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attur kien jirċievi pensjoni tal-invalidità, kif xehed Sean Meli , ir-rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2015. In vista ta' dan, il-Qorti sejra tibbaża d-dħul bażiku tal-attur għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans*, fuq il-paga minima nazzjonali għas-sena rilevanti, l-2009, li hija s-sena meta seħħ l-inċident *de quo*, li kienet €7,616.44 gross u €6,854.80 netti mill-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali.

Il-paga minima nazzjonali għas-sena 2009 trid tiġi aġġustata abbażi tal-għoli tal-ħajja[58] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €6854.80 + €7,548.50 / 2 =

---

[57] P.A., 27.04.2005.

[58] F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

€7,201.65. Hu dan id-dħul bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sebgħa u ħamsin (57) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena 2009, il-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 5, minkejja li mill-provi jirriżulta li l-attur kien ilu li waqaf jaħdem meta seħħ l-inċident inkwistjoni. F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs.* Edward Restall et**[59], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-esperti mediċi addizzjonali Mr Mario Vella, Mr Jason Zammit u Mr Antoine Zrinzo li eżaminaw lill-attur, li dan qiegħed isofri

[59] P.A., 10.05.2005.

minn debilità permanenti fil-grad ta' 10% b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta ġiet ippreżentata l-kawża u d-data tas-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2015 u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Id-dħul medju ta' €7,201.65 x *multiplier* ta' 5 x 10% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €3,600.83 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għaċ-ċifra ta' elfejn, tmien mija u tmenin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€2,880.66)**.** Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti fil-kawża odjerna, liema danni l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandhom jitħallsu lill-attur mill-konvenut George Saliba. Għaldaqstant id-danni totali li għandhom jitħallsu mill-konvenut George Saliba lill-attur huma fis-somma ta' tlett elef, u tmenin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€3,080.66).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut George Saliba huwa unikament responsabbli għad-danni subiti mill-attur b'riżultat tax-xebgħa li huwa tah fl-1 ta' Lulju, 2009;**

2. **Tillikwida d-danni subiti mill-attur b'riżultat tal-istess inċident fis-somma ta' tlett elef u tmenin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€3,080.66);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut George Saliba jħallas lill-attur id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut George Saliba.**

Moqrija.